MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 174/2015

**Victoria Saliba, Deborah Saliba (ID. 649459M), Carmelo Saliba, Joseph Salib u Vivanzu Muscat**

**Vs**

**Silvio u Joanne konjugi Coleiro**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Marzu, 2015 fejn l-atturi talbu thalsu lill-atturi s-somma ta' elfejn sitt mija u sittin ewro (€2,660) jew somma verjuri li ta' fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal, rapprezentanti danni fil-propjeta' taghhom 'Vicky House Triq Brittanja, Mosta minhabba f'xogholijiet strutturali li l-konvenuti ghamlu fil-bini adjacent kif ser jirrizulta;

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra legali datata 4 ta'Marzu, 2015, bl-imghax legali u b'hekk il-konvenuti jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Il-konvenuti debitament notifikati min naha taghhom ipprezentaw risposta fit-28 ta' April, 2015 eccepixxew illi fl-ewwel fl-ewwel lok l-ebda ammont kif mitlub m'hu dovut mill-eccipjenti stante li t-talba tal-atturi fil-konfront tal-esponenti hija assolutament infondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mill-atturi rapprezentanti hsaret subiti fil-propjeta' taghhom huwa eccessiv u dank if ser jirrizulta ampjament car waqt il-proceduri odjerni;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti huma lesti li kemm il-darba jigu ddikjarati li huma responsabbli  tal-hsarat illi ghamlu, jaghmlu tali x-xogholijiet huma nfushom ghas-spejjez taghhom;

Bl-ispejjez kontra l-atturi, bl-ingunzjoni tal-atturi in subizzjoni.

Gie pprezentat dokument, dok VR1 stima tal-bajjad tal-konvenut. Gie ukoll ipprezentat rapport tal-Perit Cleaven Tabone.

Xehdu l-partijiet fejn l-atturi spjegaw illi huma soffrew hsarat fil-fond wara li l-konvenut kien qieghed jaghmel xoghol ta' kostruzzjoni fil-bini ta' biswithom. Qalu illi ma jridux illi jsewwi hu ghax ix-xoghol tal-haddiema tieghu ma joghgobhomx u riedu li jaghmel ix-xoghol kuginuhom ghax anki jafdawh wahdu fid-dar.

Min-naha tieghu l-konvenut lest li jsewwi bil-haddiema tieghu jew ihallas l-ammont fi flus li kien ser izommlu l-haddiem tieghu.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-konevnut fil-fatt ikkawza hsarat fil-fond tal-propjeta' tal-atturi. Pero l-atturi qed jitolbu l-ammont ta' elfejn sitt mija u sittin ewro (€2,660) mentri l-konvenut offra mitejn u hamsin (€250). Huwa saput ghalxiex spjega l-kont il-Perit illi l-ammont ta'  elfejn sitt mija u sittin ewro (€2,660) ma jirriflettiex biss hsarat izda kontijiet ohra. Mentri l-ammont ta' mitejn u hamsin ewro (€250) ma jirriflettiex zgur il-hsarat li garbu l-atturi ghalhekk b'ekwita t-Tribunal ihoss illi l-ammont ta' elf ewro (€1,000) ghandu jkun adegwat sabiex jigu trangati l-hsarat.

Ghalhekk it-Tribunal jaqta’ u jiddecidi billi jilqa’ it-talba attrici fl-ammont ta’ elf ewro (€1,000).

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------